IR-RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 32**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**
**Il-Ħamis 30 ta' Mejju 2013 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin | |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin | |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru | 6.40 pm |
| Is-Sra Cecilia Bonello | Membru | |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | |

Is-Sna Roberta Ciantar — Assistant Prinċipali

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Sur Lino Pace Bonello ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti dwar is-Sospensjoni tar-Regolamenti tal-laqgħa A 31, fejn qed jingħad li:

"Id-Dipartiment ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex minħabba ċirkostanzi familjari tkun tista' tiddelega b'mod temporanju t-teħid tal-minuti tal-laqgħat lill-Assistent Prinċipali fl-istess Kunsill".

Huwa saħaq li skont l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), f'taqsima V (Uffiċjali u Impjegati), fl-aħħar ta' artiklu 52 (2) (a) insibu li "Is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ l-avviżi kollha, iħejji l-aġenda b'konsultazzjoni mas-Sindku u jattendi għal-laqgħat kollha".

Huwa kompla billi qal li fl-istess artiklu 52 (2) (b) "jikkompila u jiffirma l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitat: Iżda s-Segretarju Eżekuttiv jista' jinnomina, u l-Kunsill jista' japprova, li xi persuna oħra taġixxi minflok is-Segretarju Eżekuttiv għar-rigward ta' xi kumitat maħtur mill-Kunsill."



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Għaldaqstant, huwa ppropona li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv b'mod temporanju fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv u dan skont ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat approva 'Nem.Con'.

Is-Sur Lino Pace Bonello talab li din il-laqgħa m'għandhiex titkompla peress li mhux lest jiffirma l-minuti tal-laqgħa A31 minħabba r-raġuni t'hawn fuq.

Il-Kumitat qabel li din il-laqgħa għandha tiġi sospiża sakemm ma tinsab soluzzjoni għal din il-materja.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm.

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**